MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 191/2008/1

**Lydia Mousu**

**v.**

**Michael Olutayo Ajibode**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici li jaqra hekk:
“1) illi l-kontendenti izzewwgu nhar is-7 ta’ Gunju 2003 fis-‘Saveway international Christian Ministry’ Imriehel u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A;

“2) illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

“3) illi l-kunsens tal-intimat kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“4) illi l-kunsens tal-intimat inkiseb bl-esklujoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“5) illi l-konvenut kien milqut b’anamolija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih u jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat ukoll fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“6) illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha:-

“i. tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti nhar is-7 ta’ Gunju 2003 ghar-ragunijiet fuq premessi

“ii. tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi r-ragunijiet ta’ nullita` taz-zwieg migjuba mill-attrici jeskludu lil xulxin u ghalhekk ma jistghux jigu invokati flimkien ;

“2. Illi kemm-il darba t-talbiet rikorrenti jkunu milqugha, ir-ragunijiet ghal tali dikjarazzjoni ta’ nullita` huma imputabbli lir-rikorrenti;

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-30 ta’ Marzu, 2001, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u illiberat lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju; bl-ispejjez a karigu tal-attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta’ Gunju 2003 huwa null fil-ligi, peress li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] tal-kap.255.

“Illi preliminarjament il-konvenut qed jeccepixxi l-irritwalita’ tal-proceduri odjerni stante li l-kawzalijiet indikati mill-attrici bhala ragunijiet ghat-talba taghha jeskludu lil xulxin.

“*Eccezzjoni Preliminari*

“Illi l-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni ta’ l-attrici kif proposta ma tistax treggi peress li l-kawzali ta’ nuqqas ta’diskrezzjoni ta’ gudizzju bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg ma tistax tikkoezisti bhala kawzali ma’ dik tas-simulazzjoni, ghax wahda toqtol lill-ohra.

“Illi in propozitu jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrana[1] li il-kawzali tad-difett serju ta’ diskrezzjoni kontemplata fil-para. [d] hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni kontemplata fil-para.[f] ghax wahda proprjament teskludi lill-ohra. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju … irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament [jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta’ ta’ l-ghazla] fuq l-oggett tal-kunsens matirmonjali. Fis-

[1] Ara per ezempju, *App.C. Mizzi vs Mizzi 15.11.2005; App.C.Azzopardi vs Azzopardi 5.11.2005; App,C Aqueros vs Aqueros 30.07.2010*

simulazzjoni invece, peress li din tirrikjedi l-eskluzjoni b' att positiv tal-volonta' dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula l-kapacita' li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita' wiehed jaghzel li jaghmel l-eskuzzjoni posittiva fuq riferita.

"Il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern ma saritx korrezzjoni fir-rikors guramentat in propozitu ghal din l-eccezzjoni, u dawn iz-zewg kawzali baqghu jidhru bhala li huma ndikati kumuluttivament.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut hija fondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lydia Mousu li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja tat-30 ta' Marzu 2011 u dan billi

[1] tiddikjara l-parti deciza tal-istess sentenza bhala guridikament insostenibbli

[2] tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jew l-eccezzjonijiet kollha u

[3] jew tirrimanda l-atti lura ghall-ewwel Qorti sabiex din tiddetermina mill-vertenza fil-mertu jew inkella tiddeciedi hi stess il-vertenza fil-mertu u dan billi tilqa' t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell ghandu jigi respint u s-sentenza appellata tigi konfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi din hi talba ghall-annullament taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet li sehh fis-7 ta’ Gunju, 2003. Dan kien it-tielet zwieg tal-attrici, wara li kienet annullat iz-zewg zwigijiet precedenti taghha. L-attrici ressqet din it-talba taghha a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta). Dawn iz-zewg kawzali jipprovdu li z-zwieg jista’ jigi dikjarat null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali (l-ewwel parti tas-sub-paragrafu (d)) u jekk il-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu (sub-paragrafu (f)); l-attrici allegat ukoll illi l-kunsens kien milqut b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghal dak li jkun li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (it-tieni parti tas-sub-paragrafu (d)).

L-ewwel Qorti qalet li dawn il-kawzali huma kontradittorji ghal xulxin u cahdet it-talba attrici fuq din il-bazi.

L-attrici appellat mis-sentenza u qalet li l-ewwel Qorti ma mxietx sew maghha; pero`, il-Qrati Maltin ilhom li ddecidew illi dawn iz-zewg paragrafi, senjament il-paragrafi (d) u (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. imsemmi, ma jistghux jigu invokati fl-istess nifs, peress li prova fuq wahda bilfors teskludi l-ezistenza tal-kawzali l-ohra.

Ricentiment din il-Qorti, fil-kawza **Cefai v. Cefai**, deciza fil-11 ta’ Novembru, 2011, ghamlet dawn il-kummenti dwar kawza bazata fuq dawn iz-zewg kawzali:
*“Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:*

*“It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is*

*automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

*"The First Hall of the Civil Court, in the case* ***Zammit v. Zammit****, decided on the 27th January 2006, said this on this issue,*

*""Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

*"Furthermore, this Court, in the case* ***Arqueros v. Arqueros Moreno****, decided on the 30th July, 2010, pointed out that when these two grounds are raised simultaneously there is an inherent contradiction which nullifies plaintiff's request. This Court put the issue in these terms:*

*""L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li*

*uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."*

*"One can indeed say, even in this case, that appellant's arguments in favour of a declaration of nullity of his marriage in terms of paragraph (d), nullifies his own arguments in favour of a declaration of nullity based on paragraph (f), and his arguments on the basis of paragraph (f), nullify what is said under paragraph (d), leaving plaintiff with no valid argument in support of his request!"*

Sfortunatament, ghalkemm il-Qrati taghna ilhom zgur mill-2005 li ddecidew dan il-punt (ara l-gurisprudenza li ghaliha ghamlet referenza l-ewwel Qorti), xi partijiet baqghu jirrepetu dan l-izball, u f'nifs wiehed jghidu li kienu konxji tas-sitwazzjoni li kienu dehlin fiha, gharblu l-konsegwenzi u ddecidew li jeskludu z-zwieg innifsu, u fl-istess hin li l-volonta` taghhom kienet kolpita b'xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew b'xi anomalija psikologika. Dawn iz-zewg kweziti ma jistghux joqghodu flimkien, u meta hu l-kaz ta' kawzali kontradittorji, il-konsegwenza hi li l-kawza hi nulla (ara s-sentenza li tat din il-Qorti fil-kawza **Cassar v. Muscat** fl-14 ta' Novembru, 2011, f'kuntest differenti, fejn il-Qorti qieset nulla kawza bazata fuq kawzali kontradittorji: din il-Qorti laqqmet il-kawza bhala "a fishing expedition"!).

Apparti dan, il-konvenut appellat ressaq aggravju marbut mal-appellabbilita` tad-decizjonijiet li jemanu mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Biex tghid il-verita`, din il-Qorti kienet ftit sorpriza b'dan l-aggravju peress li mhux l-ewwel darba, li trattat appelli minn dik il-Qorti. Din hi l-ewwel darba, pero`, li giet sollevata din il-problema u jehtieg li tigi mistharrga issa li giet sollevata.

Fil-fatt, minn ezami tal-ligijiet in materja jidher li l-appellat, salv dak li ser jinghad aktar 'l quddiem, kellu ragun. Meta nholqot il-Qorti tal-Familja sar ristrutturar tal-Qrati Maltin u r-Regolamenti Dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), mahruga bl-Avviz Legali 397 tal-2003, haseb biex iqassam il-Qrati b'dan il-mod:

"*Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili*

*"1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sessjonijiet tal-Qrati Civili.*

*"2. Ikun hemm tliet sezzjonijiet fil-Qorti Civili li ghandu jigi assenjat lilhom, kif inhu provdut b'dan l-Ordni, il-Kategorija ta' kawzi, li sa issa kienu jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili (Prim' Awla) u tal-Qorti Civili (Sekond' Awla), jew skont ma jista' jigi assenjat lill-Qorti Civili f'kull ligi.*

*"3. Is-sezzjonijiet tal-Qorti Civili jkunu dawn, is-Sezzjoni tal-Familja, is-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja u s-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali li tissejjah il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.*

*"4. Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':*

*"(a) it-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;*
*"(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*
*"(c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*

*"(d) l-Att dwar iz-Zwieg; u*
*"(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.*

*"5. Lill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ghandhom jigu assenjati dawk ir-rikorsi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':*

*"(a) it-Titoli III, V, VI u VII tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili u*

*"(b) it-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*"6. Lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja.*

*"7. Bla hsara ghal kull regola tal-Qorti jew ta' xi regolament, il-kawzi ghandhom jigu assenjati lis-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili mir-Registratur skont il-kategorija li l-kawza tkun taqa' tahtha."*

Hu car, ghalhekk, li kif inhi s-sitwazzjoni illum, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili hi sezzjoni tal-Qorti differenti mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. L-artikolu 41 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijijiet ta' Malta) jiddisponi li din il-Qorti ghandha kompetenza tisma' u tiddeciedi appelli mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha. Din il-Qorti ma kienetx inghatat il-fakolta` li tisma' appell minn xi Qorti, Sezzjoni Familja!

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, jghid l-imsemmi Avviz Legali, ghandha tisma' kawzi li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja, u la darba l-Prim' Awla tal-Qorti Civili hi biss "sezzjoni" differenti tal-Qorti Civili, ir-referenza specifika ghall-Prim' Awla tal-Qorti Civili bhala s-"sezzjoni" li minnha jista' jsir appell, kien jeskludi l-possibilita` ta' appell mis-sezzjonijiet l-ohra, anke ghaliex l-Artikolu 44 tal-Kap. 12 imsemmi jghid li din il-Qorti ghandha tiddeciedi wkoll il-kawzi illi

"b'dispozizzjoni espressa tal-ligi" huma mhollijin ghaliha. Din il-Qorti, ghalhekk, ma setghetx tinterpreta l-ligi b'mod li taghti lilha nfisha gurisdizzjoni per equipollens. Il-"Qorti Civili", bhala qorti superjuri ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 12, hi komposta minn tlett sezzjonijiet, u dritt ta' appell kien moghti biss minn sezzjoni wahda minnhom.

Hu ovvju li din il-Qorti ma tistax tarreka lilha nfisha poteri jew kompetenza li ma humiex moghtija lilha bil-ligi. Il-legislatur, meta dahhal il-Qorti tal-Familja fis-sistema Maltija, jew intenzjonalment jew bi zball, naqas li jemenda l-Artikolu 41 tal-Kap. 12 fuq imsemmi, bir-rizultat li lil din il-Qorti ma nghatalhiex kompetenza tisma' appelli mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja.

Ir-regoli ta' procedura huma ta' ordni pubbliku u jehtieg li jigu segwiti skont id-dettami espressi taghhom, u ma jistghux jigu interpretati skont dak li l-qorti thoss ghandu jkun. Issa, hu minnu li meta gew redatti r-Regolamenti dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni, jinsab elenkat fir-Regolament 9 tat-Taqsima III, f'liema ordni ta' smigh ghandhom jinstemghu "appelli minn decizjonijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)", pero`, dan hu biss Regolament li jkun applikabbli f'kaz li u meta l-ligi tipprovdi ghall-appell mis-Sezzjoni tal-Familja, mentri f'dan il-kaz dan mhux ipprovdut.

Wiehed irid jinnota li, f'kuntest civili, persuna ghandha dritt fundamentali ghal smigh xieraq u mhux ukoll ghall-appell. Kwindi ma jistax jigi prezunt li l-Legislatur, fl-Artikolu 41 imsemmi, ma qalx dak li ried jghid, u meta l-kliem tal-ligi huma cari u espressi, din il-Qorti ma tistax tmur oltre dak provdut. Kif jghid il-Mandrioli ("Corso di Diritto Processuale Civile", 1° Vol. Sesta Ediz.,2007), "*Il codice di procedura civile e` quell'insieme di norme nelle quali e` descritta e disciplinata la suddetta attivita` del' procedere. L'attivita` del' procedere … e` descritta e disciplinata dalle norme del codice di procedura civile"*. Ebda qorti, fejn tidhol il-procedura, ma tista' tmur kontra d-dixxiplina tar-regoli stabbiliti fil-kodici procedurali civili.

Is-sitwazzjoni giet issa regolata, u dan bis-sahha tal-Att numru XVII tal-2012 li zied proviso ghas-subartikolu (5) tal-Artikolu 41 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sens li gej:

“Izda r-referenza ghall-“Prim’ Awla tal-Qorti Civili” f’dan is-sub-artikolu ghandha titqies bhala li tinkludi referenza ghall-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u li kienet tinkludi tali referenza sa mid-data tat-twaqqif tas-sezzjonijiet tal-qrati civili.”

Dan ifisser li l-appell tal-attrici ma jistax jitqies null, u fit-termini tal-ligi, ghandu jitqies li qatt ma kien null.

Kif intqal, pero`, l-aggravju tal-appellanti mhux misthoqq u qed jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tichad l-istess u b’hekk tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------